MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 192/1994/2

**John Mula**

**Vs**

**Josephine Mula maghrufha Cutajar**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi l-kontendenti fl-14 ta' Gunju 1975 kienu ccelebraw zwieg civili fl-istat ta' Victoria l-Awstralja u wara gew joqghodu f'Malta.

Peress illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Gunju 1993 fl-ismijiet 'John Mula vs Josephine Mula', dan iz-zwieg gie dikjarat null u bla effett.

Peress illi l-kontendenti matul iz-zwieg taghhom kellhom il-komunjoni ta' l-akkwisti, u ghandhom propjeta' komuni.

Tghid l-istess konvenuta Josephine Mula ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

(1) tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ga ezistenti bejn il-partijiet kif ukoll taqsam il-propjeta' komuni bejniethom u tassenja nofs lill-attur John Mula u n-nofs l-iehor lill-konvenuta Josephine Mula wara li jitnaqqsu l-oggetti partikolari spettanti lil kull parti;

(2) f'kaz li din id-divizjoni ma tistax issir in natura minhabba li l-immobbli komuni m'huwiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh in lic-citazzjoni tal-istess propjeta' mmobiljari prevja nomina ta' perit biex jistma l-istess fond biex mir-rikavat nofs jigi assenjat lill-attur John Mula u nofs lil Josephine Mula.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-10 ta' Settembru 1993, kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta** a fol. 13 tal-process fejn eccepiet:

1. In-nullita' tac-citazzjoni peress li giet imharrka bil-kunjom ta' mizzewga meta hu manifest li dan il-kunjom mhux attribwibbli lilha, u inoltre dan fatt ferm maghruf lill-attur.

2. Illi l-immobbli nxtara mill-flus ta' Josephine Cutajar ga mart l-attur, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digrieti a fol. 18 u 38;

Rat is-sentenza preliminari a fol. 150;

Rat ir-relazzjoni tal-perit Stivala a fol. 163;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat ir-rikors a fol. 198 u risposta a fol. 202;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dina l-Qorti kienet tghat sentenza fid-29 ta’ Marzu 2000 fejn kienet waslet ghall-konkluzzjoni li (ara fol 156):

Il-Qorti, in vista tal-provi u konsiderazzjonijiet maghmula, u wara li rat l-artikoli 1331 tal-Kap 16 tasal ghall dawn il-konkluzzjonijiet.

Dwar **l-immobbli** tiddecidi li l-konvenuta ghandha kreditu ta’ Lm2,800 fil-konfront tal-kommunjoni minhabba flus parafernali li hareg ghal kommunjoni. Dwar l-ispejjez u manutenzjoni li l-konvenuta qed tippretendi, l-Qorti tiddecidi li dana l-ammont (li ma jinkludiex il-valur tal-mobbli, li fuqhom il-Qorti se tipprovdi separatament) ghandu jigi pacut mal-uzu tal-post li kienet qed taghmel il-konvenuta ghal dawn l-ahhar snin.

Ghalhekk ikun necessarju li ssir stima tad-dar bil-valur tal-lum, u kullhadd jiehu nofs mid-dar wara li jitnaqqas il-kreditu tal-konvenuta. Jekk parti trid izomm jew tiehu d-dar hi, trid thallas is-sehem tal-parti l-ohra.

Il-Qorti tirrileva li a fol 38 kien gie nominat il-Perit Anthony Stivala biex jaghmel stima tad-dar izda jidher li dan qatt ma gie infurmat bin-nomina tieghu. Ghalhekk l-istess perit ghandu jaghmel l-istima tad-dar skond id-digriet imsemmi.

Dwar i**l-mobbli** tiddecidi li n-vista ta' dak li inghad fuq, *arbitrio boni viri*, l-attur ghandu jinghata Lm200 mill-konvenuta.

Illi fit-12 ta' April 2001 il-Perit A. Stivala rrelata li l-valur tad-dar qed jigi stmat fis-somma ta' Lm12,000 kif suggett ghac-cens.

Illi dina l-kawza mbaghad baqghet tigi differita' ghall snin twal ghax suppost il-partijiet kellhom jilhqu ftehim li pero' qatt ma ntlahaq.

Imbaghad fi Frar 2007 l-attur  ghamel rikors fejn talab  li ssir stima mill-gdid tad-dar billi l-valur tal-bini ghola, liema talba giet opposta mill-konvenuta billi sostniet li l-Qorti diga ffissat il-valur tal-post u ghalhekk ma jistax jinbidel.

**Tikkunsdira**

Il-Qorti tirrileva li fl-ewwel sentenza moghtija minnha hi kienet indikat biss x'kien il-kreditu tal-konvenuta fuq l-immobbli u l-kreditu ta' l-attur ghall mobbli, u ma kienitx ippronunzjat ruhha dwar il-valur tal-immobbli fis-sentenza. Wara li saret l-istima mill-perit, l-attur ma kienx talab fiz-zmien moghti mill-ligi perizja addizzjonali.

Jidher li l-partijiet mhux qed jaqblu kif huma ghandhom jiehdu sehemhom minn din d-dar. Il-Perit Stivala rrelata li d-dar mhiex komodament divizzibbli ghalhekk il-Qorti se tordna li dina ghandha tinbiegh b'licitazzjoni kif mitlub biex kull parti tiehu sehemha.

Din il-konkluzzjoni ghandha wkoll tipprovvdi ghat-talba maghmula mill-attur bir-rikors tieghu a fol. 198.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi

Il-Qorti tiddeciedi billi

Dwar l-ewwel talba tillikwida l-kommunjoni ta’ l-akkwisti kif indikat fis-sentenza preliminari taghha tad-29 ta’ Marzu 2000;

Dwar it-tieni talba tordna li billi ma ntlahaqx ftehim dwar id-divizjoni tad-dar u billi dina mhiex kommodament divizibbli tordna l-bejgh in licitazzjoni ta’ l-istess propjeta’ immobiljari u mir-rikavat, nofs jigi assenjat lill-attur u nofs lill konvenuta, wara li jitnaqqsu l-krediti rispettivi.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------